K.L.B.L 66/05/2022

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Bye-Laws tal-2022 dwar Xorb f'Kontenituri tal-Ħġieġ u l-Konsum ta' Alkoħol f'Postijiet Pubbliċi, u Stabbilimenti tal-Ikel fil-Beraħ (Kunsill Lokali Żebbuġ Għawdex)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 34 tal-Att dwar Gvern Lokali, il-Kunsill Lokali Żebbuġ Għawdex għamel dawn il-bye-laws li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1.1. It-titolu ta' dawn il-bye-laws hu l-Bye-Laws tal-2022 dwar Xorb f'Kontenituri tal-Ħġieġ u l-Konsum ta' Alkoħol f'Postijiet Pubbliċi, u Stabbilimenti tal-Ikel fil-Beraħ (Kunsill Lokali Żebbuġ Għawdex).

1.2. Dawn il-bye-laws għandhom jidħlu fis-seħħ ġimgħa (1) wara li jiġu ppubblikati fil-Gazzetta.

Tifsir.

2. F'dawn il-bye-laws, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"arei msemmija" tfisser dawk l-arei msemmija mill-awtoritajiet kompetenti għat-tqegħid tal-imwejjed u siġġijiet sabiex jiġi kkunsmat ikel u xorb;

"ashtrays" tfisser reċipjenti approvati għar-rimi ta' skart relatat mas-sigaretti li jinkludu iżda mhux limitati għal loqom tas-sigaretti u mqiegħda f'post pubbliku;

"Att" tfisser l-Att dwar Gvern Lokali; Kap. 363.

"bin" tfisser kwalunkwe kontenitur li jista' jingħalaq permezz ta' għatu, fornut mill-Kunsill Lokali, u mqiegħed f'post pubbliku fil-konfini tal-lokalità ta' Marsalforn (Żebbuġ) Għawdex għad-depożitu tal-iskart;

"kontenitur ta' xorb alkoholiku" tinkludi fliexken, bottijiet, tazzi, u, jew xi kontenitur ieħor maħsub biex fih jiġi servut ix-xorb;

"Kunsill" tfisser il-Kunsill Lokali Żebbuġ (Għawdex);

"lokalità" tfisser il-lokalità ta' Marsalforn (Żebbuġ) Għawdex kif indikata fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Att;

"post pubbliku" tfisser u tinkludi t-toroq, sqaqien, bankini, pjazez, promenades, ġonna, parks, belvederes, xtajtiet, u l-ispazji pubbliċi miftuħa kollha li jagħmlu parti mill-konfini ta' Marsalforn (Żebbuġ) Għawdex;

"titlajja" jew "tlajjar" tfisser il-preżenza persistenti ta' kwalunkwe persuna għal ebda raġuni partikolari, eskluży persuni li jkunu qegħdin iwettqu xi dmir f'post pubbliku.

Projbizzjoni ta' tlajjar b'kontenituri tal-ħġieġ jew b'xorb alkoħoliku.

3.1. L-ebda persuna ma għandha titlajja f'xi post pubbliku filwaqt li żżomm f'idha, iġġorr jew ikollha fil-pussess tagħha jew fuq il-persuna tagħha xi kontenitur tal-ħġieġ.

3.2. L-ebda persuna ma għandha titlajja f'xi post pubbliku filwaqt li żżomm f'idha, iġġorr jew ikollha fil-pussess tagħha jew fuq il-persuna tagħha xorb alkoħoliku.

Projbizzjoni ta' ġarr ta' alkoħol f'postijiet pubbliċi.

4. L-ebda persuna ma għandha ġġorr xorb alkoħoliku f'post publiku jekk mhux f'kontenitur issiġillat jew magħluq.

Projbizzjoni ta' konsum ta' xorb alkoħoliku f'postijiet pubbliċi.

5. L-ebda persuna ma tista' tikkonsma xorb alkoħoliku fit-toroq jew f'postijiet pubbliċi ħlief f'arei msemmija.

Avviż u forniment ta' kontenituri.

6. Kwalunkwe stabbiliment kummerċjali jew tal-ikel li jopera fil-konfini tal-lokalità li jbigħ jew iservi xorb għandu:

(a) iwaħħal avviż bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż kif indikat fl-Iskeda, li għandu jkun provdut mill-Kunsill, u dak l-avviż għandu jitqiegħed f'post fejn ikun jidher sew li jinqara faċilment mill-klijenti jew parruċċani tal-istess stabbiliment kummerċjali;

(b) jipprovdi kontenituri magħmula minn materjal li ma jkunx ħġieġ jekk dak ix-xorb ikun ser jiġi kkunsmat f'xi post pubbliku;

(ċ) jaċċerta ruħu li jsir tindif regolari taż-żona li tinsab f'distanza ta' ħames (5) metri mill-istabbiliment kummerċjali u għall-ġbir tal-iskart mill-bins fiż-żona li tinsab fl-istess distanza;

(d) kwalunkwe persuna li torganizza xi attività fil-konfini ta' Marsalforn (Żebbuġ) Għawdex għandu jikkonforma ma' dawn il-bye-laws u jikseb il-permessi meħtieġa mill-Kunsill.

Tindif u żbarazzar.

7.1. Kull stabbiliment tal-ikel għandu jkun responsabbli għat-tindif u l-iżbarazzar ta' kwalunkwe skart depożitat fl-ispazju fil-beraħ tal-istabbiliment tiegħu mill-klijenti tiegħu jew mill-istabbiliment stess.

7.2. Kull stabbiliment tal-ikel li jagħti servizz lill-klijenti fi spazju fil-beraħ għandu jpoġġi numru adattat ta' ashtrays fiż-żona ta' barra tiegħu u għandu jkun responsabbli għat-tindif u l-iżbarazzar tal-ashtrays kif ukoll għar-rimi xieraq tal-iskart imqiegħed fl-ashtrays.

7.3. Kull stabbiliment tal-ikel għandu jiżgura li l-ashtrays ma għandhom fl-ebda ħin ikunu mfawra jew f'riskju li jfuru.

L-użu tal-plastik huwa projbit.

8. Kwalunkwe użu tal-plastik għandu jkun ipprojbit u minflok għandhom jintużaw kontenituri bijodegradabbli.

Eżenzjoni mir-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtiġu permess mill-Kunsilli Lokali. L.S. 441.04.

9. Dawn il-Bye Laws għandhom japplikaw bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu Permess mill-Kunsill Lokali.

Penalitajiet.

10. Kwalunkwe persuna, sid jew operatur ta' stabbiliment kummerċjali jew tal-ikel, skont il-każ, li jikser kwalunkwe mid-dispożizzjoni ta' dawn il-*Bye Laws*, għandu, meta jinstab ħati, jeħel ammenda ta' sebgħin euro (€70) għal dik il-kontravvenzjoni, kif ukoll ammenda oħra ta' ħmistax -il euro (€15) għal kull jum li fih ikun kiser xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn il-*Bye Laws*.

SKEDA
(*bye-law* 6(a))

IL-KONSUM TA' XORB ALKOĦOLIKU F'POSTIJIET PUBBLIĊI KIF IMFISSRA FIL-BYE-LAWS HU PROJBIT BIL-LIĠI.

IL-ĠARR TA' XORB ALKOĦOLIKU U KULL TIP TA' XORB IEĦOR F'KONTENITURI TAL-ĦĠIEĠ HU PROJBIT BIL-LIĠI F'POSTIJIET PUBBLIĊI JEKK MHUX F'KONTENITURI SSIĠILLATI U MAGĦLUQA.

THE CONSUMPTION OF ALCOHOLIC BEVERAGES IS PROHIBITED BY LAW IN PUBLIC PLACES AS DEFINED IN THE BYE-LAWS.

THE CARRYING OF ALCOHOL AND BEVERAGES IN GLASS CONTAINERS IN PUBLIC PLACES OTHER THAN IN SEALED AND CLOSED CONTAINERS IS PROHIBITED BY LAW.